PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2837

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 157 tat-3 ta' Ġunju 2014 mis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva.

---

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

104,293.

**PETIZZJONI LILL-PARLAMENT MALTI**

**NIPPROTEĠU L-INTERESSI U D-DRITIJIET U L-PRIVILEĠĠI TAL-GRUPPI U INDIVIDWI LI QEGĦDIN F'MINORANZA FIS-SOĊJETA' MALTIJA**

16 Diċembru 2013

Aħna hawn taħt iffirmati, ċittadini tar-Repubblika ta' Malta:

- li niffurmaw parti minn xi grupp ta' nies fis-soċjeta' Maltija li għandhom għal qalbhom interess partikolari, liema gruppi huma ikkunsidrati f'minoranza meta kkomparati mal-bqija tal-poplu Malti, u/jew għandna interess, u/jew nirrispettaw l-interessi, d-drittijiet u l-privileġġi ta' wieħed jew aktar minn dawn il-gruppi ta' nies fis-socjetà Maltija kkunsidrati f'minoranza meta kkomparati mal-bqija tal-poplu Malti;
- li ilkoll nemmnu li demokrazija tfisser li filwaqt li hija l-maġġoranza li tigverna, din it-tmexxija għandha però issir b'rispett lejn il-minoranza.

Permezz ta din il-Petizzjoni qegħdin nappellaw lir-rappreżentanti li aħna stess eleġejna biex jirrappreżentawna fil-Parlament Malti sabiex minnufih:

- jemendaw l-Att dwar ir-Referenda, Kapitlu 237 mill-Liġijiet ta' Malta (ATT XXXIII tal-1973, kif emendat bl-Atti XXXV u LVIII tal-1974, XI tal-1975, XIII tal-1983, VIII tal-1996 u XIX tal-2002; u l-Avviżi Legali 411 tal-2007 u 426 tal-2012);
- b'dan illi fl-artikolu 13 tal-Att dwar ir-Referenda jiżdied *proviso* li għandu jipproteġi l-interessi u/jew id-drittijiet u/jew il-privileġġi ta' gruppi u individwi li qegħdin f'minoranza.

Il-firmatarji kollha ta' din l-umili petizzjoni qegħdin għalhekk jissuġġerixxu li l-Parlament Malti jemenda l-Att dwar ir-Referenda billi jiżdied dan il-*proviso* sabiex b'hekk, l-ebda liġi (hekk kif definita fl-artikoli 13(3) tal-Att dwar ir-Referenda), li tolqot interessi jew drittijiet jew privileġġi ta' minoranza fis-soċjetà Maltija ma tkun tista' tiġi abrogata b'referendum skond l-Att dwar ir-Referenda.

| Data | Isem u Kunjom | Nru. Karta ta' Identita' | Firma |
|---|---|---|---|

Din il-Petizzjoni tista tintbagħat bil-posta: FKNK Kaxxa Postali 20 Sliema SLM 1055

MAHRUĠA DEPUTAT
MGĦODDIJA MILL-ISPEAKER